REGOLAMENTI

REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) 2022/851

tat-22 ta' Marzu 2022

li jikkoreġi l-verżjoni bil-lingwa Portugiża tar-Regolament Delegat (UE) 2019/945 dwar sistemi ta' inġenji tal-ajru mingħajr bdot abbord u dwar operaturi ta' sistemi tal-ajru mingħajr bdot abbord minn pajjiżi terzi

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2018/1139 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' Lulju 2018 dwar regoli komuni fil-qasam tal-avjazzjoni ċivili u li jistabbilixxi Aġenzija tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni tal-Unjoni Ewropea, u li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 2111/2005, (KE) Nru 1008/2008, (UE) Nru 996/2010, (UE) Nru 376/2014 u d-Direttivi 2014/30/UE u 2014/53/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, u li jħassar ir-Regolamenti (KE) Nru 552/2004 u (KE) Nru 216/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, u r-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3922/91 ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 58 u l-Artikolu 61 tiegħu,

Billi:

(1) Il-verżjoni bil-lingwa Portugiża tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/945 ([2]) fiha żbalji fl-Artikolu 17(4), fl-Artikolu 40(1)(d), fl-Anness, il-Parti 8, il-Modulu B, il-punti 3(2) u (5) li jbiddlu t-tifsira tad-dispożizzjonijiet.

(2) Għalhekk, jenħtieġ li l-verżjoni bil-lingwa Portugiża tar-Regolament Delegat (UE) 2019/945 tiġi kkoreġuta skont dan. Il-verżjonijiet bil-lingwi l-oħra mhumiex affettwati.

(3) Minħabba l-ħtieġa li jkun hemm l-istess kundizzjonijiet għall-operaturi kollha, l-interess prevalenti tal-integrità tas-suq intern kif ukoll il-ħtieġa għal ċertezza legali, jenħtieġ li dan ir-Regolament japplika mid-9 ta' Awwissu 2020,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

(Ma japplikax għal-lingwa Maltija)

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Għandu japplika mid-9 ta' Awwissu 2020.

([1]) ĠU L 212, 22.8.2018, p. 1.

([2]) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/945 tat-12 ta' Marzu 2019 dwar sistemi ta' inġenji tal-ajru mingħajr bdot abbord u dwar operaturi ta' sistemi tal-ajru mingħajr bdot abbord minn pajjiżi terzi (ĠU L 152, 11.6.2019, p. 1).

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-22 ta' Marzu 2022.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN